2026/1097

18.5.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1097

tal-11 ta' Mejju 2026

li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Netherlandiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbaži tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Willemina Roziena Catharina STERK sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Gijs DE KRUIF, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Gedeputeerde, Lid van Gedeputeerde Staten van de provincie Utrecht* (Ministru Reġjonali, Membru tal-Eżekuttiv Provinċjali tal-Provinċja ta' Utrecht), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Gijs DE KRUIF, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Gedeputeerde, Lid van Gedeputeerde Staten van de provincie Utrecht* (Ministru Reġjonali, Membru tal-Eżekuttiv Provinċjali tal-Provinċja ta' Utrecht), huwa b'dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

A. MICHAELIDOU

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).